MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 483/2014

Appell Nru: 483/2014

Il-Pulizja

Spettur Chris Pullicino

Spettur Roderick Zammit

Vs

Omissis

Silvio Pace

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Silvio Pace, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 477468M akkuzat flimkien ma *omissis*, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar is-26 ta' Marzu 2012 ghall-habta ta' 20:00hrs ta' filghaxija gewwa Hal Qormi, ikkommetta serq ta' 'prodotti ta'ikel tal-annimali' liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93 ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Anthony Tanti u/jew persuna/i ohra;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema hsara hija aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu izda ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu ta' l-ewro ghad-dannu ta' Anthony Tanti u/jew persuna/I ohra;
3. Sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Lil Silvio Pace wahdu talli:

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b' digriet mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Mag Dr G Vella LLD li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija li ma johrogx mid-dar fejn jirrisjedi wara s-sebgha ta' filghaxija;

Lil Omissis wahdu talli:

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Mag Dr C Stafrace Zammit LLD li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija li ma johrogx mid-dar fejn jirrisjedi wara t-tmienja ta' filghaxija.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Novembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 289, 261, 267, 270, 271, 279(a), 280(1), 325(1)(b), 579(2), 20 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-

imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu tmintax (18) –il xahar prigunerija.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAA 892 liema vettura ntuzat fis-serqa de quo.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Silvio Pace, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuzi kollha u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Silvio Pace huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-appellant jsostni illi l-ko-akkuzat Victor Fenech kien dahaq bih ghaliex kien staqsieh sabiex jaghmillu favur u jiehu xi xkejjer ta' gwies li kien qed igorr. L-appellant accetta li jaghmillu dan il-favur. Dan kien gie kkonfermat minn Victor Fenech fix-xhieda tieghu tat-28 ta' Gunju, 2013. L-uniku raguni li l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet li ma hemmnitx lill-appellant kien ghaliex kien qed jibbenefika mill-helsien mill-arrest u kellu kundizzjoni ta' rinkazar u b'hekk ma kellux ikun barra jaghmel favuri lill-hbieb. Ghal dan l-appellant spjega li kien s jmur ghal kors ta' riabilitazzjoni mill-alcohol u sempliciment kien qed jghaddi ghaliex qabel ma jmur u kien qed iwassal lit-tifel ukoll.

Illi l-fatt li l-persuna responsabbli ghas-serqa jammetti u jghid li l-appellant ma kienx konsapevoli huwa straordinarju u l' boghod minn persuna li huwa verament hati. Persuna li huwa komplici ma jkunx irid li jkun l-uniku persuna li jhallas ghal reat li kienu ghamlu u b'hekk meta persuna jkollha l-kuxjenza u jixhed il-verita ta' dak li gara inkluz li l-appellant ma kienx involut, l-Ewwel Qorti kellha taccetta.

Illi l-appellant jghix li ma harabx minn fuq il-post, izda jekk ghas-sahha tal-argument harab huwa ragonevoli li dan sehh meta persuna tkun taf li qieghdha tigi involuta f'reat li m'ghandiex x'taqsam, specjalment jekk ghandha l-helsien mill-arrest.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-appellant jixtieq jappella mill-piena li mhix ekwa u gusta ghal serq ta' ftit xkejjer ta' gwies oltre l-konfiska tal-vettura tieghu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) il-pulizija gew infurmati illi zewg persuni kienu involuti f'serqa ta' xkejjer tal-gwiez minn vann ipparkjat Valletta Road, Hal Qormi. Dan il-vann u xkejjer kienu jappartjenu lil certu Anthony Tanti. Victor Fenech maghruf bhala Il-Kito beda jgorr dawn l-ixkejjer minn dan il-vann u jpoggihom f'vettura ohra bin-numru AAA 892 li kienet tghajjat lill-appellant Silvio Pace. F'mument minnhom Anthony Tanti lemah lil Victor Fenech bl-ixkejjer u Fenech telaq jigri u warajh mar ukoll id-derubat illi gie wiccimbwicc mal-appellant Silvio Pace. Anthony Tanti rega' lura lejn il-karozza tieghu halli l-hallelin ma jaharbux u kemm Victor Pace kif ukoll l-appellant dahlu fil-karozza tal-appellant biex jitilqu minn fuq il-post u huma u sejrin habtu mal-vettura ta' Anthony Tanti. L-appellant mar l-ghassa l-Hamrun biex jaghmel rapport peress illi skont hu, Victor Fenech dahhlu f'bicca inkwiet izda gie arrestat, interrogat u irrilaxxa stqarrija esebita a fol 19 fejn innega li huwa kien jaf li Victor Fenech kien qed jisraq dawk l-ixkejjer. Meta Victor Fenech xehed quddiem din il-Qorti qal illi l-appellant ma kellu x'jaqsam xejn ma' din is-serqa u ma kienx qallu illi l-ixkejjer kienu misruqin.

Il-pulizija ressqu lill-appellant adebitat bl-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tal-erbatax (14) ta' Novembru tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 238) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti kif jirrizultaw

mill-provi u baqa' jsostni li l-ko-akkuzat Victor Fenech kien dahaq bih meta staqsih jaghmillu pjacir u jghinu jgorr xi xkejjer tal-gwiez.

Ikkunsidrat:

Quddiem din il-Qorti xhed il-probation officer Gordon Grech fejn qal illi beda jsegwi lil Silvio Pace l-habs li hareg fis-sbatax (17) ta' Dicembru tal-elfejn u erbatax (2014). Bhalissa Pace qieghed jahdem u qieghed fit-triq tal-progress u qed jikkopera mieghu u r-rizultati tal-urina qeghdin ikunu fin-negattiv. Insista illi Victor Fenech kien qieghed jikkorrabora l-verzjoni tieghu meta jghid illi ma kienx qallu illi l-gwiez kienu qeghdin jinsterqu u meta induna ma riedx ikollu x'jaqsam maghhom. Illum l-appellant hu riabilitat u qieghed fit-triq tal-progress u forsi l-piena tista' tigi varjata flok habs.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tiehu gost tisma' illi l-appellant qieghed fit-triq tal-progress, qieghed jikkopera mal-probation officers, qed jahdem u sejjer tajjeb. Però ma tistax tinsa illi sar reat fejn persuna, Anthony Tanti, gie derubat seba' (7) xkejjer tal-gwiez. Il-fatt illi Tanti ha lura dawn l-ixkejjer ma jfissirx illi r-reat ma kienx ikkunsmat. L-appellant u Victor Fenech hadu dawn l-ixkejjer mill-isfera ta' influwenza ta' sidhom Anthony Tanti u poggewhom fil-karozza taghhom  halli jibqghu sejrin bihom. Il-fatt illi gew intercettati fit-triq ma jaghmel l-ebda differenza ghall-kompletezza tar-reat ta' serq u din il-Qorti difficli tifhem kief l-appellant ma kienx jaf illi dawk l-ixkejjer kienu qeghdin jigu misruqa. L-appellant ipprova jahrab minn fuq il-post u meta Tanti ipprova jaghlaq it-triq, l-appellant baqa' diehel go fih. Veru illi Victor Fenech qal illi f'din is-serqa l-appellant ma kellux x'jaqsam però x-xhieda tieghu mhiex kredibbli u l-ewwel Qorti ghamlet sew meta iddikjarat hekk u skartat din ix-xhieda. L-appellant ghandu passat refrettarju u inghata hafna opportunitajiet biex jirriforma. Madankollu minkejja illi kien jaf illi kien marbut b'hinijiet ta' rinkazar ma hasibhiex darbtejn illi jikser din il-kondizzjoni meta, skont hu, sejjahlu Victor Fenech biex jghinu jgorr il-gwiez. Din l-izkuza mhiex kredibbli u l-ewwel Qorti ghamlet sew fejn sabet il-htija.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dak illi jirrigwarda l-piena l-principju regolartur hu li mhux normali li l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi. Il-piena inflitta mill-ewwel Qorti tidhol fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din ukoll tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------